**Laqgħa B'Urġenza Numru 59**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**20 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' b'mod virtwali. Il-laqgħa bdiet f'12.26 pm.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba- Sindku

Johnny Vella- Kunsillier

Domenic Zerafa- Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14 3)):

ASSENTI

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Jeanelle Attard-Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

HS MA

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa

## 59.1 Bini mill-privat fi Ġnien Castelvenere f'Ta' Ġokk

59.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ħass li għandu jseħħ din il-laqgħa b'urġenza biex jinforma lill-Kunsill bl-aħħar żvilupp li sar minn terza persuna fil-bandli ta' Ġokk. Is-Sindku spjega li kollox ġara s-Sibt 16 ta' Settembru meta hu kien fuq btala personali u hekk kif wasal beda jirċievi telefonati minn residenti f'Ta' Ġokk irrabjati li s-Sur Debrincat kien qala' l-bandla, 2 bankijiet u kienet qiegħda ttella' l-ħajt mar-residenza tiegħu. B'hekk kien ħa parti sew mill-bandli. Is-Sindku kkomunika li kif kien qal fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill fl-4 ta' Settembru hu qatt ma kien ta l-awtorizazzjoni biex dan jaqla' l-bandla u anqas biex imexxi bl-iżvilupp. Is-Sindku enfassizza li kien talab li s-Sur Debrincat jippreżenta d-dikjarazzjoni li l-Lands kienet għaddiet l-art in kwisjtoni lilu diversi drabi imma dan naqas milli jipprovdi kopja tal-ownership.

59.1.2 Is-Sindku spjega li mill-ewwel ħa ħsieb ikellem lill-avukat tal-Kunsill li kien jinsab imsiefer biex isir mandat biex jitwaqqaf l-iżvilupp li kien għaddej. L-avukat kien tah il-parir li mandat ma jistax jinfetaħ anke jekk is-Sindku baqa' jsostni li dan jista' jsir. L-avukat kien ta l-parir li tinfetaħ kawża legali fi żmien xahrejn.

59.1.3 Is-Sindku spjega li b'mod immedjat kien kiteb lill-Planning Authority u anke lill-Lands fuq dan l-iżvilupp. Waqt li l-PA kkonfermat li dan għandu l-permess neċessarji, l-ebda risposta ma kienet waslet mil-Lands sal-ġurnata tal-laqgħa. Mil-Lands ġie mitlub biex jingħati ftit ċans għar-risposta lura hekk kif is-CEO kien imsiefer. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti biex tintbagħat ittra formoli lil Lands fejn tivverifika hekk dan għandux titlu tal-art jew le hekk kif fil-Leġislatura preċedenti l-Kunsill kien ta n-No Objection dejjem jekk is-Sur Debrincat jkollu f'idejh il-permessi neċessarji mill-awtoritajiet ikkonċernati. Is-Sindku spjega li qed jistenna li jkun hemm aktar talbiet simili minn ġirien oħra biex anke huma jakkwistaw biċċa mill-art tal-bandli. Is-Sindku qasam mal-membri preżenti ddispjaċir li l-isforzi biex jitranġa dan il-bandli ħa jkunu inutli jekk l-art ma tingħatax lura.

59.1.4 Wara diskussjoni, il-membri unanimament qablu li l-Kunsill għadu jieħu l-parir tal-

HS ma

avukat meta dan jirritorna lura f'Malta u jmexxi b'mod legali waqt li jsiru l-isforzi kollha possibbli biex din l-art jekk għadha ma ngħatatx lis-Sur Debrincat tittraġġa lura b'mod immedjat u tibqa' titgawda minn kulħadd.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-12.45pm.

Konfermati illum 17 t' Ottubru 2023

**IFFIRMATA**

Hubert Saliba
Sindku

**IFFIRMATA**

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv